

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0196/2009

1.4.2009

RAPPORT

dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Aldo Patriciello
(2008/2323(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Aloyzas Sakalas

WERREJ

	Paġna
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	5
ANNEX: L-Artikolu 68(2) tal-Kostituzzjoni Taljana	9
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	10

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Aldo Patriciello (2008/2323(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba ta' Aldo Patriciello għall-ħarsien tal-immunità tiegħu fil-qafas ta' proċeduri legali pendenti quddiem il-Qorti Distrettwali f'Campobasso, bid-data 11 ta' Novembru 2008, ikkomunikata waqt is-seduta plenarja fl-20 ta' Novembru 2008,
 - wara li sema' lil Aldo Patriciello bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986 u tal-21 ta' Ottubru 2008¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2009),
- A. billi Aldo Patriciello huwa Membru tal-Parlament Ewropew li l-kredenzjali tiegħu ġew ivverifikati mill-Parlament fil-15 ta' Ġunju 2006,
- B. billi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Parlament Ewropew u l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali għandhom jikkoperaw sabiex jevitaw kwalunkwe kunflitt fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll. Għalhekk, fejn xi azzjoni tkun tressqet kontra Membru tal-Parlament Ewropew quddiem qorti nazzjonali u din il-qorti tkun infurmata li tkun inbdiet proċedura għad-difiża tal-privileġġi u immunitajiet ta' dak il-Membru, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regoli ta' Proċedura, dik il-qorti għandha tissospendi l-proċeduri ġudizzjarji u titlob lill-Parlament biex jagħti l-opinjoni tiegħu kemm jista' jkun malajr²,
- C. billi, skond l-Artikolu 10 tal-Protokoll, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu jgawdu fit-territorju tal-istat tagħhom stess l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom u billi l-immunità ma tistax tintalab meta Membru jinqabad fl-att li jikkommetti reat; billi dan ma jżommx lill-Parlament milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu³,

¹ Il-Każ 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, Każ 149/85 *Wybot v Faure u Oħrajn* [1986] ECR 2391 u Każi Konġunti C-200/07 u C-201/07 *Marra v De Gregorio u Clemente*, għad mhux irrappurtati fl-ECR.

² Il-Każ C-200/07 *Marra*, fil-paragrafi 42 u 43.

³ Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965.

- D. billi, għalhekk, id-dispożizzjoni applikabbli għall-każ in kwistjoni hija l-Artikolu 68(2) tal-Kostituzzjoni Taljana, li tippermetti li jitressqu proċeduri kriminali kontra Membri tal-Parlament mingħajr ebda formalitajiet speċjali, minħabba d-dispożizzjoni tagħha li, mingħajr il-permess tal-Kamra li għaliha jappartjeni l-Membru, tfittxija ma tkunx tista' ssir fuq il-persuna jew id-domiċilju ta' Membru tal-Parlament u Membru ma jistax ikun arrestat jew b'xi mod ieħor imċaħħad mil-libertà personali tiegħu jew tagħha jew miżmum f'detenzjoni, ħlief biex jinforza kundanna finali jew fejn il-Membru jinqabad fl-att li jwettaq reat li għalih l-arrest ikun obligatorju f'każ ta' *flagrante delicto*,
- E. billi bħalissa, il-Protokoll ma jippermettix li l-Parlament Ewropew ikollu l-mezzi biex jieħu azzjoni li torbot sabiex jiproteġi lil Aldo Patriciello,
1. Iddeċieda li ma jiddefendix l-immunità u l-privileġġi ta' Aldo Patriciello;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Taljana.

NOTA SPJEGATTIVA

I. FATTI

Fis-seduta tal-20 Novembru 2008, il-President tal-Parlament ħabbar li kien irċieva talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' Aldo Patriciello b'ittra tal-11 Novembru 2008, li għiet mgħoddija lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 6(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

It-talba tirrigwarda l-proċedimenti kriminali miġjuba mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku kontra s-Sur Patriciello u attwalment pendenti quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Campobasso (Il-Każ Nru 106/2004 r.g.n.r.).

Is-Sur Patriciello kien akkużat b'reati skont l-Artikoli 81(2), 323(1) u (2), 640(a), 56, 640 it-tieni paragrafu Nru 1, 56, 316(a) tal-Kodiċi Kriminali, u reati skont l-Artikoli 31, 32(1) u (3), 44(c) tal-Att Konsolidat dwar is-settur tal-Kostruzzjoni (*Testo Unico sull'Edilizia*).

L-akkużi miġjuba mill-prosekutur pubbliku lokali allegaw li s-Sur Patriciello, li "*fil-mument tal-fatti kien Viċi-President u l-Kunsillier tal-Reġjun Molise*" u "*punt ta' riferiment influwenti u b'saħħtu u "sostenitur" politiku, kif ukoll il-"proprjetarju" u kreatur effettiv ta' Neuromed – punt ta' riferiment morali u finanzjarju*", kellu sehem fir-reati msemmija hawn fuq flimkien ma' dawk li dak iż-żmien kienu ċ-chairperson u d-direttur maniġerjali ta' **Neuromed - Istitut Newroloġiku Mediterranju**, dak li kien ir-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni "Paola Pavone", **dak li kien id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa u l-Politiki tas-Sigurtà Soċjali tar-Reġjun Molise u dak li kien id-Direttur Ġenerali tal-Awtorità tas-Saħħa ta' Campobasso.**

B'mod aktar speċifiku, is-Sur Patriciello kien akkużat li kellu sehem fit-tmexxija, il-kontroll u l-appoġġ tal-azzjonijiet taċ-chairperson ta' Neuromed u r-rappreżentant legali tal-"Fondazzjoni **Paola Pavone**", li fil-11 ta' Settembru 2000 ħejja kuntratt għall-użu mingħajr xkiel tal-istitut "abużiv" li jinsab fil-muniċipalità ta' **Salcito**, bejn il-"Fondazzjoni Paola Pavone" (sid u bennej tal-bini in kwistjoni) u Neuromed, sabiex l-istitut ta' benesseri u riċerka msemmi hawn fuq ikun jista' jmxexxi l-faċilità in kwistjoni "*għall-ġid tagħha stess (...) bħala "ċentru avanzat ta' riabilitazzjoni" taħt arranġamenti (temporanji) ta' akkreditazzjoni mar-Reġjun, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe forma ta' servizz soċjali jew ta' benesseri*"; L-istitut ikkonċernat, barra minn hekk, allegatament kien "*diġà nbena grazzi wkoll għall-ħlas mir-Reġjun ta' somma sostanzjali (ITL 1,400,000,000) marbuta mat-tħaddim tal-istitut (wkoll) bħala istitut ta' kura soċjali u kura tas-saħħa*" u tmexxa "*daqs li kieku kien intrapriża privata taħt patruċinju politiku, filwaqt li fittex ukoll, permezz tal-"setturi satellitari" li huma inevitabilment marbuta ma' operazzjoni bħal din (reklutaġġ, in-negozju għall-ħwienet lokali, diversi kumpaniji, negozji, eċċ), li jakkwista u/jew jikkonsolida kunsens politiku, speċjalment lokalment, u li jisraq mill-iffinanzjar diġà miksub – u juża dak il-finanzjament għal skopijiet differenti ħafna li kienu għal kollox inkompatibbli ma' dawk li għalihom kien ingħata.*

Fittex ukoll li jagħmel aktar profitt sostanzjali mis-servizzi pprovduti, li ġew rimborżati bil-kbir mir-Reġjun Molise, għad-detriment kemm tal-awtorità u l-komunità sħiħa ".

Is-Sur Patriciello ġie akkużat ukoll bir-reati dwar il-pjanifikazzjoni urbana msemmija qabel

għaliex, b'kooperazzjoni ma' konvenuti oħra, huwa allegatament "*biddel il-skop uffiċjali tal-faċilità*" fil-muniċipalità ta' Salcito '*minn dar ta' kura għall-anzjani għal ċentru ta' riabilitazzjoni avvanzata* " mingħajr l-awtorizzazzjoni amministrattiva meħtieġa, bl-użu ta' faċilità li "*ma kellhiex iktar il-liċenzja minħabba li hija kienet ġiet mogħtija mingħajr ħlas għall-għan soċjali oriġinali tagħha, li kien spiċċa*".

II. LIĠI U KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI DWAR L-IMMUNITÀ TA' MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

L-Artikoli 19 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 jaqraw kif ġej:

Artikolu 9:

Il-Membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċedimenti legali fir-rigward ta' opinjonijiet jew voti espressi minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 10:

Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom:

- a. *igawdu fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;*
- b. *jiġu meqjusa immuni kemm mid-detenzjoni u kemm mill-proċeduri legali kontra tagħhom fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor.*

L-immunità għandha tapplika bl-istess mod għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tiġi invokata la meta Membru jinqabad fil-fatt li jwettaq reat u lanqas ma żżomm lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu.

Il-proċedura fil-Parlament Ewropew hija regolata mill-Artikoli 6 u 7 tar-Regoli ta' Proċedura. Id-dispożizzjonijiet rilevanti jaqraw kif ġej:

Artikolu 6 – Tneħħija tal-immunità:

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.

(...)

3. Kull talba indirizzata lill-President minn Membru jew ex-Membru biex jiddefendi privileġġi u immunitajiet għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.

(...)"

Artikolu 7 – Proċeduri dwar l-immunità:

1. Il-kumitat responsabbli għandu jikkunsidra mingħajr dewmien u skond l-ordni li fih tressqu t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-immunità u tal-privileġġi.

2. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni li sempliċement tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija tal-immunità jew għall-ħarsien tal-immunità u tal-privileġġi.

3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. Il-Membri kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jgħib miegħu dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor.

(...)

6. F'każi li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi jkunux jikkostitwixxu xkiel amministrattiv jew xkiel ieħor mqiegħed għall-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-twettiq tal-mandat jew li jaqgħu fi ħdan l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità kkonċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.

7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibilità tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membri, u lanqas dwar jekk l-opinjoni jiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.

(...)"

Rigward l-applikabilità tal-Artikolu 9, għandu jiġi nnutat li l-akkużi miġjuba kontra s-Sur Patriciello ma jirreferux għall-opinjoni espressi jew il-voti mitfugħa fil-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew, għar-raġuni ċara li serq ta' fondi pubbliċi jew reati dwar pjanifikazzjoni urbana ma jistgħux jitqiesu daqs li kieku kienu "opinjoni" jew "votazzjoni".

Fir-rigward tal-Artikolu 10, minħabba li l-akkużi miġjuba kontra s-Sur Patriciello jirreferu għal fatti kommessi fl-Italja, li tagħha kellu ċittadinanza fil-mument materjali, l-unika parti applikabbli hija dik li "waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom: a) igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom".

L-ambitu tal-immunità parlamentari fl-Italja huwa simili ħafna għal dak li jservi l-funzjonament tal-Parlament Ewropew, ibbażat fuq il-Protokoll.

L-Artikolu 68(2) tal-Kostituzzjoni Taljana jaqra kif ġej:

Artikolu 68(2)

Mingħajr awtorizzazzjoni mill-Kamra li tagħha jagħmlu parti, l-ebda membru tal-Parlament ma jista' jkun suġġett għal tfittxija personali jew tfittxija tad-domiċilju, lanqas jista' jkun arrestat jew bi kwalunkwe mod ieħor imċaħħad mil-libertà personali, jew jinżamm

f'detenzjoni, ħlief biex tkun infurzata sentenza finali, jew jekk jinqabad fl-att li jikkommetti reat li jgħib miegħu l-arrest obligatorju.

Fi kliem ieħor, skont il-Kostituzzjoni Taljana, jistgħu jinbdew proċeduri kriminali kontra Membri tal-Parlament mingħajr ebda formalitajiet speċjali; awtorizzazzjoni tkun meħtieġa biss f'ċerti każijiet speċifiċi.

III. ĠUSTIFIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI PROPOSTA

Abbażi tad-dokumenti preċedenti u d-dokumenti disponibbli, għandu jiġi konkluż li, mill-perspettiva legali, il-każ tas-Sur Patriciello ma jistax jitqies bħala każ ta' immunità li għandu jiġi mħares mill-Parlament Ewropew. Fl-analiżi finali, il-każ tas-Sur Patriciello jaqa' kompletament taħt il-leġiżlazzjoni Taljana

Fl-istadju attwali tal-proċedura kriminali miġjuba kontra s-Sur Patriciello, l-Artikolu 68(2) tal-Kostituzzjoni Taljana msemmi hawn fuq ma jipperikolax il-prerogattivi tiegħu bħala membru parlamentari: bl-istess mod bħall-Membri tal-Parlament Taljan, ma jgawdix immunità minn prosekuzzjoni kriminali bħala tali.

Bħala konsegwenza, huwa inkontestabbli li, kif inhu, l-Artikolu 10(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, permezz tal-fatt li jħalli l-protezzjoni tal-Membri tiddependi mill-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom stess, ma joffrix lill-Parlament Ewropew il-mezzi li jieħu azzjoni vinkolanti sabiex jipproteġi lis-Sur Patriciello f'dan il-każ partikolari.

IV. KONKLUŻJONIJIET

Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, wara li sema' lis-Sur Patriciello u wara li eżamina r-raġunijiet favur u kontra l-ħarsien tal-immunità tiegħu, jikkunsidra li, hekk kif inhu bħalissa, il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965 ma joffrix lill-Parlament Ewropew il-mezzi biex jieħu azzjoni vinkolanti sabiex jipproteġi lil Aldo Patriciello.

ANNEX: L-Artikolu 68(2) tal-Kostituzzjoni Taljana

L-Artikolu 68(2) tal-Kostituzzjoni Taljana jaqra kif ġej:

“Mingħajr awtorizzazzjoni mill-Kamra li tagħha jagħmlu parti, l-ebda membru tal-Parlament ma jista' jkun suġġett għal tfittxija personali jew tfittxija tad-domiċilju, lanqas jista' jkun arrestat jew bi kwalunkwe mod ieħor imċaħħad mil-libertà personali, jew jinżamm f'detenzjoni, ħliet biex tkun infurzata sentenza finali, jew jekk jinqabad fl-att li jikkommetti reat li jgħib miegħu l-arrest obligatorju.”

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	31.3.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 8 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlo Casini, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis